



Brussell, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13212/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0282(NLE)

LIMITE

UK 178
MI 695
ENT 186

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ndan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim
dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat
mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor³, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (il-“Kumitat Konġunt”) għandu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj>).

³ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

- (3) Filwaqt li l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2025/14 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa applikabbli skont l-Artikolu 13(3) tal-Qafas ta' Windsor, il-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament huma dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.
- (4) Jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt, fil-laqgħa tiegħu li jmiss, jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid dan l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2025/14 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020, (ĠU L, 2025/14, 8.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/14/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Kumitat Konġunt”) hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
